**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru 2/2023**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Omar Zammit)**

**vs.**

**Jalil Mohamed nee' Jalil**

Il Qorti:

Rat li tressaq Jalil Mohamed ta' 46 sena, iben Mohamed u Nejat xebba Mabsoud, imwieled Libya nhar 24 ta' Ottubru 1976, detentur tal-karta ta' identita bin-numru 350803L u resident 16, Blk A3, Fl 6, Triq Mater Boni Consilii, Fgura.

1) U nakkużah talli nhar il-31 ta' Dicembru 2022 u fil-granet u xhur ta qabel, fil-Fgura u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, kkawza lil **martu Liliana Jalil** u/jew lil uliedu **Aimen Mohammed Mehemed Jalil, Lamees Jalil, Omar Mohammed Mehemed Jalil u Sherine Jalil Sherine** biza li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom u dan bi ksur tal-artikoli 251(3); 222(1)(a) u 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

2) U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil **martu Liliana Jalil** u/jew lil uliedu **Aimen Mohammed Mehemed Jalil, Lamees Jalil, Omar Mohammed Mehemed Jalil u Sherine Jalil**, biza li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil **martu Liliana Jalil** u/jew lil uliedu **Aimen Mohammed Mehemed Jalil, Lamees Jalil, Omar Mohammed Mehemed Jalil u Sherine Jalil** biza u dan bi ksur ta' artikolu 251B (1); 222(1); 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

3) U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel ingurji u theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali lil **martu Liliana Jalil** u/jew lil uliedu **Aimen Mohammed Mehemed Jalil, Lamees Jalil, Omar Mohammed Mehemed Jalil u Sherine Jalil** u dan bi ksur ta' artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali..

4) U aktar talli sar ricediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula u dan bi ksur ta l-artikoli 49 u 50 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Johan Sciberras ghall-beneficcju ta' **martu Liliana Jalil** u uliedu **Aimen Mohammed Mehemed Jalil, Lamees Jalil, Omar Mohammed Mehemed Jalil u Sherine Jalil** dan ai termini ta' artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament u dan ai termini ta' artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' **martu Liliana Jalil** u uliedu **Aimen Mohammed**

**Mehemed Jalil, Lamees Jalil, Omar Mohammed Mehemed Jalil u Sherine Jalil** dan u f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta' Jannar 2023 wara li sar l-ezami ta' l-imputat a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih.

Rat li matul is-seduta tas-16 ta' Gunju 2023, l-imputat minn jeddu iddikjara li kien hati tar-reati addebitati lilu u irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonceditlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkunsidra t-twegiba tieghu u, jekk ikun il-kaz, jerga' lura minnha.

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.[1]

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza dwarhom fil-konfront ta' l-imputat.

[1] Folio 220 ta' l-atti processwali

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, ghalhekk li l-akkużi huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, u fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena fl-udjenza tas-16 ta' Gunju 2023.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz irrizulta meta gie rapportat mil-familjari ta' l-imputat vjolenza domestika komessa minnu.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tas-16 ta' Gunju 2023 din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitat lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi.

- Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat.[2] Illi mil-fedina penali jirrizulta li hemm diversi sentenzi ohra registrati simili ghal dak li

[2] Dok OZ5, Folio 30-33 minn wara u quddiem ta' l-atti processwali

tressaq bihom apparti sentenzi ohra relatati ma offizi fuq il-persuna partikolarment martu u t-tfal tieghu.  Jidher ukolll l-imputat inghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma hajtu u inghata gwida tul medda ta' snin.  Madankollu qatt ma sfrutta dawn il-opportunijiet jew irriforma ruhu, tant li rega tressaq fuq reati ohra ta' certu serjeta relatati mal-membri tal-familja tieghu.

- L-imputat irregistra ammisssjoni wara l-gheluq tal-provi tal-prosekuzzjoni u fl-istadju ta' provi difiza.

- Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju tardiv tal-process u b'hekk ma jkunx necessarjament iffrankat hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja.  Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[3], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[4], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[5] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[6]

  Ghaldaqstant, f'dan il-kaz jista jinghad li l-ammissjoni ma saritz f'stadju bikri ghaliex il-prosekuzzjoni kienet ghalqet il-provi taghhom. Madankollu din l-amissjoni saret qabel tressqu l-provi tad-difiza u l-ghoti tas-sentenzi u qabel din il-Qorti ghamlet l-evalwazzjoni taghha u ghalhekk din il-Qorti sejra tqis l-istadju ta' fejn saret l-ammissjoni fil-kunsiderazzjoni taghha.

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi u/jew kondizzjonijiet.

[3] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[4] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[5] Thomson Reuteurs, S-29
[6] Blackstone Press Limited – 2006 edition

- Illi fis-sottomissjonijiet tal-partijiet, kemm il-prosekuzzjoni bi qbil mad-difiza ssuggerew lill-Qorti sabiex tikkunsidra piena karcerarja ta' sena u nofs habs apparti.

- Illi filwaqt li l-Qorti mhix bl-ebda mod marbuta ma dawn is-sottomissjonijiet tal-ufficjal tal-Probation, il-Qorti tara li din il-piena hija legalment proponibbli u fil-parametri tal-ligi ghal dawk ir-reat li jikkoncernaw il-Kodici Kriminali.

- Jirrizulta li l-imputat huwa wkoll recidiv bl-aritkoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant il-piena tista tizdied bil-gradi relatttivi skond il-ligi.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku. Il-Qorti ghalhekk tqis, tenut kont tac-cirkostanzi, li piena karcerarja hija l-iktar wahda idonea.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 251(3), 222(1)(a), 202(h), 251B(1), 339(1)(e), 49, 50, 412C, 412D, 382A, 383, 384, 385 u 533 tal-Kodici Kriminali,

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Jalil Mohamed **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontrih u tikkundannah piena ta' prigunerija ta' tmintax il-xhar (18) habs li minnhom ghandhom jitnaqqsu dawk gia skontati taht arrest preventiv.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ ordni ta' trattament fil-konfront tal-imputat u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikultajiet li huwa jidher għaddej minnhom minħabba diversi abbużi u problemi ta' imgieba, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qegħdet lill-ħati taħt ordni ta' trattament għal perjodu u ta' tlett snin millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' **Ordni ta' Trazzin** kontra l-hati a favur ta' Liliana Jalil, Aimen Mohammed Mehemed Jalil, Lamees Jalil, Omar Mohammed Jalil u Sherine Jalil Sherine ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija

Illi in vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni skont l-aritkolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma access ghal kopja skenjata tas-sentenza fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol.

**Moghtija illum nhar il-11 ta'Lulju 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**